KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SPIELMANN
ippreżentati fl-1 ta' Awwissu 2025 [1]

Kawża C-313/25 PPU [Adrar] [i]

GB
vs
Minister van Asiel en Migratie

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-rechtbank Den Haag, zittingsplaats Roermond (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag, sedenti f'Roermond, il-Pajjiżi l-Baxxi))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari – Politika ta' immigrazzjoni – Ritorn taċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jirrisjedu irregolarment fi Stat Membru – Direttiva 2008/115/KE – Eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn – Artikolu 5 – Prinċipju ta' non-refoulement – L-aħjar interessi tat-tfal u tal-ħajja tal-familja – Artikolu 15 – Detenzjoni għall-finijiet ta' tneħħija – Stħarriġ tal-osservanza tal-kundizzjonijiet ta' legalità ta' din id-detenzjoni"

Introduzzjoni

1. L-osservanza tal-prinċipju ta' non-refoulement, prinċipju assolut li jirrifletti wieħed mill-valuri fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tal-membri tagħha, kif ukoll tal-interessi previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115/KE [2], tqajjem kwistjonijiet delikati meta, wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn li tkun saret definittiva, is-sitwazzjoni taċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi irregolament tkun evolviet. Dan japplika wkoll, b'mod partikolari, meta awtorità ġudizzjarja responsabbli mill-istħarriġ tal-legalità tad-detenzjoni ta' tali ċittadin tirrileva li dan il-prinċipju u dawn l-interessi ma kinux invokati jew eżaminati qabel matul il-proċedura ta' ritorn.

2. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5, tal-Artikolu 13(1) u (2) u tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2008/115 li jiggarantixxu rispettivament l-osservanza tal-prinċipju ta' non-refoulement u ta' ċerti interessi taċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jirrisjedu irregolarment, protezzjoni ġudizzjarja effettiva fid-dawl ta' deċiżjonijiet marbuta mar-ritorn, kif ukoll kundizzjonijiet u modalitajiet stretti relatati mal-adozzjoni ta' miżura li ċċaħħad il-libertà.

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[i] L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

[2] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU 2008, L 348, p. 98).

3. Din it-talba tressqet mir-rechtbank Den Haag, zittingsplaats Roermond (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag, sedenti f'Roermond, il-Pajjiżi l-Baxxi), fil-kuntest ta' tilwima bejn GB u l-Minister van Asiel en Migratie (il-Ministru għall-Ażil u għall-Migrazzjoni, il-Pajjiżi l-Baxxi, iktar 'il quddiem il-"Ministru"), fir-rigward tad-deċiżjoni ta' dan tal-aħħar li jqiegħed lil GB f'detenzjoni għall-finijiet tat-tneħħija tiegħu b'eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

4. L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115, intitolat "Non-refoulement, l-aħjar interessi tat-tfal, il-ħajja tal-familja u l-istat tas-saħħa", jipprevedi:

"Fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont dovut ta':

(a) l-aħjar interessi tat-tfal,

(b) il-ħajja familjari,

(c) l-istat tas-saħħa taċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat u,

jirrispettaw il-prinċipju ta' non-refoulement."

5. L-Artikolu 9(1)(a) ta' din id-direttiva, intitolat "Posponiment ta' tneħħija", jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jipposponu t-tneħħija:

(a) meta hija tikser il-prinċipju ta' non-refoulement […]"

6. L-Artikolu 13 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Rimedji", jipprevedi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu:

"1. Iċ-ċittadin konċernat ta' pajjiż terz għandu jingħata dritt għal rimedju effettiv li jappella kontra jew li jitlob reviżjoni tad-deċiżjonijiet relatati mar-ritorn, kif imsemmi fl-Artikolu 12(1) quddiem awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva kompetenti jew korp kompetenti magħmul minn membri imparzjali u li jgawdu minn salvagwardji ta' indipendenza.

2. L-awtorità jew il-korp imsemmijin fil-paragrafu 1 hawn fuq għandhom ikollhom is-setgħa li jirrivedu deċiżjonijiet relatati mar-ritorn, kif imsemmi fl-Artikolu 12(1), inkluża l-possibbiltà li jiġi sospiż temporanjament l-infurzar tagħhom, dment li ma tkunx diġà applikabbli sospensjoni temporanja taħt il-leġislazzjoni nazzjonali."

7. L-Artikolu 15 tal-istess direttiva, intitolat "Detenzjoni", jistabbilixxi, f'dawn il-paragrafi 1 sa 5:

"1. Dment li ma jistgħux jiġu applikati b'mod effettiv miżuri oħrajn suffiċjenti iżda inqas koersivi fil-każ speċifiku, l-Istati Membri jistgħu biss iżommu f'detenzjoni ċittadin ta' pajjiż terz, li hu suġġett għal proċeduri ta' ritorn biex jitħejja r-ritorn u/jew jitwettaq il-proċess ta' tneħħija, partikolarment meta:

(a) jkun hemm riskju ta' ħarba jew

(b) iċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat jevita jew ifixkel it-tħejjija tar-ritorn jew il-proċess ta' tneħħija.

Kwalunkwe detenzjoni għandha tkun għal perijodu kemm jista' jkun qasir u għandha tinżamm biss sakemm l-arranġamenti ta' tneħħija jkunu qed isiru u jitwettqu bid-diliġenza dovuta.

2. Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata minn awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji.

Id-detenzjoni għandha tiġi ordnata bil-miktub bir-raġunijiet fil-fatt u fid-dritt.

Meta d-detenzjoni tkun ġiet ordnata minn awtoritajiet amministrattivi, l-Istati Membri għandhom:

(a) jew jipprovdu reviżjoni ġudizzjarja rapida tal-legalità tad-detenzjoni li trid tiġi deċiża malajr kemm jista' jkun mill-bidu tad-detenzjoni,

(b) jew jagħtu liċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat id-dritt li jieħu proċedimenti li permezz tagħhom il-legalità tad-detenzjoni għandha tkun soġġetta għal reviżjoni ġudizzjarja rapida li trid tiġi deċiża malajr kemm jista' jkun wara l-bidu tal-proċedimenti rilevanti. F'dan il-każ, l-Istati Membri għandhom minnufih jinfurmaw liċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat dwar il-possibbiltà li jieħu tali proċedimenti.

Iċ-ċittadin ta' pajjiż terz konċernat għandu jiġi rilaxxat minnufih jekk id-detenzjoni ma tkunx legali.

3. F'kull każ, id-detenzjoni għandha tiġi riveduta f'intervalli raġonevoli ta' żmien jew b'applikazzjoni miċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jew ex officio. Fil-każ ta' perijodi ta' detenzjoni mtawla, ir-reviżjonijiet għandhom ikunu soġġetti għas-superviżjoni ta' awtorità ġudizzjarja.

4. Meta jkun jidher li ma għadux jeżisti prospett raġonevoli ta' tneħħija għal konsiderazzjonijiet legali jew oħrajn jew il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ma għadhomx aktar jeżistu, id-detenzjoni ma tibqax ġustifikata u l-persuna konċernata għandha tkun rilaxxata minnufih.

5. Id-detenzjoni għandha titkompla għal tul ta' perijodu meħtieġ biex il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 jiġu sodisfatti u biex tiġi żgurata t-tneħħija b'suċċess. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi perijodu limitat ta' detenzjoni, li ma jistax jeċċedi sitt xhur."

Id-dritt Olandiż

8. L-Artikolu 59(1)(a) tal-Vreemdelingenwet 2000 (il-Liġi tal-2000 dwar il-Barranin), tat-23 ta' Novembru 2000 (Stb. 2000, Nru 495), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali, jipprovdi:

"Jekk ikun meħtieġ fl-interess tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali, [il-Ministru] jista' jqiegħed f'detenzjoni, għall-finijiet tat-tneħħija tiegħu, iċ-ċittadin barrani li […] ma huwiex f'sitwazzjoni ta' residenza regolari."

Il-kawża prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

9. Fil-11 ta' Settembru 2024, GB, li jindika li huwa ta' nazzjonalità Alġerina, ippreżenta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fil-Pajjiżi l-Baxxi. Huwa ma deherx għas-smigħ dwar ir-raġunijiet għal din l-applikazzjoni.

10. Permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Ottubru 2024, il-Ministru ċaħad din l-applikazzjoni u ħa deċiżjoni li tikkostitwixxi wkoll deċiżjoni ta' ritorn (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ta' ritorn"). Fl-assenza ta' rikors ippreżentat minn GB fit-terminu mogħti għal dan il-għan, id-deċiżjoni ta' ritorn saret definittiva u GB ma kkonformax ruħu volontarjament mal-obbligu ta' ritorn li kien jirriżulta minnha.

11. Fis-26 ta' Marzu 2025, GB ġie ttrasferit lejn il-Pajjiżi l-Baxxi mill-awtoritajiet Franċiżi b'applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 604/2013, imsejjaħ "Regolament Dublin III"[3]. Imbagħad GB tqiegħed f'detenzjoni abbażi tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2013/33/UE li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali[4].

12. Fl-istess jum, GB ippreżenta, fil-Pajjiżi l-Baxxi, applikazzjoni oħra għal protezzjoni internazzjonali, li kellha l-effett li tissospendi l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn. Huwa ddikjara wkoll biża' li għandu riskju serju li jkun suġġett għal pieni jew trattamenti inumani jew degradanti jekk huwa jirritorna l-Alġerija. Fis-7 ta' April 2025, GB instema' dwar ir-raġunijiet għal din l-applikazzjoni u ġie informat bl-intenzjoni li l-imsemmija applikazzjoni tiġi miċħuda bħala manifestament infondata. Fid-9 ta' April 2025, qabel ma ngħatat deċiżjoni dwar l-applikazzjoni tiegħu, GB irtiraha. Għalhekk, is-sospensjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn intemmet *ipso jure*.

13. Fl-10 ta' April 2025, il-miżura ta' detenzjoni li kienet ġiet imposta fis-26 ta' Marzu 2025 abbażi tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2013/33 tneħħiet. Madankollu, miżura oħra ta' detenzjoni ġiet ordnata fil-konfront ta' GB sabiex titwettaq it-tneħħija tiegħu lejn l-Alġerija b'eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn, skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2008/115. Waqt is-smigħ ta' qabel din id-detenzjoni, li nżamm fl-istess jum, GB iddikjara li huwa kellu biża' li jkun suġġett għal pieni jew trattamenti inumani jew degradanti fil-każ ta' ritorn fl-Alġerija u li huwa kien il-missier ta' tifel imwieled fi Franza fit-18 ta' Settembru 2024, li huwa xtaq li jieħu ħsieb.

14. Fis-16 ta' April 2025, GB ippreżenta rikors kontra d-detenzjoni quddiem ir-rechtbank Den Haag, zittingsplaats Roermond (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag, sedenti f'Roermond), li hija l-qorti tar-rinviju.

15. Din il-qorti tistaqsi jekk, skont id-dritt tal-Unjoni, għandhiex, waqt li tistħarreġ l-osservanza tal-kundizzjonijiet ta' legalità tad-detenzjoni, tevalwa, jekk ikun il-każ *ex officio*, il-punt dwar jekk il-prinċipju ta' non-refoulement kif ukoll l-interessi previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115 jipprekludux it-tneħħija ta' GB lejn l-Alġerija, jekk ikunu jeżistu ċirkustanzi u fatti rilevanti li seħħew jew li ħarġu wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn li saret definittiva.

[3] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (ĠU 2013, L 180, p. 31, rettifika fil-ĠU 2017, L 49, p. 50).

[4] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 (ĠU 2013, L 180, p. 96).

16. Skont id-dritt Olandiż u l-ġurisprudenza tal-Afdeling Bestuursrechtspraak van de Raad van State (is-Sezzjoni tal-Kontenzjuż Amministrattiv tal-Kunsill tal-Istat, il-Pajjiżi l-Baxxi)[5], il-qorti tar-rinviju hija pprojbita milli twettaq tali evalwazzjoni. Japplika mod ieħor biss jekk rikors awtonomu jkun ġie ppreżentat kontra d-deċiżjoni ta' ritorn, u jekk l-istħarriġ tad-detenzjoni u l-istħarriġ tad-deċiżjoni ta' ritorn iseħħu fil-kuntest tal-istess proċedura.

17. Madankollu, il-qorti tar-rinviju tqis li hija l-unika awtorità ġudizzjarja li tista' tevalwa jekk it-tneħħija ta' GB lejn l-Alġerija hijiex kompatibbli mal-prinċipju ta' non-refoulement u mal-interessi previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115.

18. Fil-fatt, fl-ebda mument tal-proċedura ma kien ġie evalwat jekk dan il-prinċipju u dawn l-interessi jipprekludux it-tneħħija ta' GB. B'mod partikolari, tali evalwazzjoni ma kinitx seħħet waqt l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn, peress li GB ma kienx preżenta ruħu għas-smigħ fir-rigward tal-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali. Barra minn hekk, fl-assenza ta' rikors kontra d-deċiżjoni ta' ritorn, il-legalità ta' din id-deċiżjoni ma kinitx mistħarrġa ulterjorment minn awtorità ġudizzjarja.

19. Evalwazzjoni tal-prinċipju ta' non-refoulement u tal-interessi previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115 lanqas ma saret waqt id-detenzjoni ta' GB għall-finijiet tat-tneħħija tiegħu, peress li waqt is-smigħ ta' qabel id-detenzjoni tiegħu, fl-10 ta' April 2025, GB kien invoka, essenzjalment, bidla sinjifikattiva taċ-ċirkustanzi billi ddikjara l-biża' tiegħu li jkun suġġett għal pieni jew trattamenti inumani jew degradanti fil-każ ta' ritorn fl-Alġerija u billi allega li huwa xtaq jieħu ħsieb it-tifel tiegħu.

20. Tali evalwazzjoni lanqas ma setgħet issir fi stadju ieħor tal-proċedura. Fil-fatt, il-leġiżlazzjoni Olandiża ma tipprevedix il-verifika u lanqas l-eżami mill-ġdid perijodiku tad-deċiżjoni ta' ritorn, fir-rigward tal-prinċipju ta' non-refoulement jew tal-interessi previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115, anki jekk ikun għadda ċertu żmien bejn l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni u l-eżekuzzjoni tagħha. Japplika mod ieħor biss fil-każ li jiġi indikat pajjiż terz ieħor bħala pajjiż ta' ritorn jew meta deċiżjoni tittieħed wara l-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jew ta' applikazzjoni għal permess ta' residenza skont id-dritt nazzjonali.

21. Il-leġiżlazzjoni Olandiża ma tipprevedix rimedju ġudizzjarju awtonomu kontra l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn li saret definittiva. Ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi irregolarment jista' biss iressaq ilment kontra "tneħħija effettiva" prevista u ppjanata, ladarba jkunu ġew ikkomunikati lilu d-data u l-ħin tagħha. Madankollli, tali lment ma jippermettix li tiġi prekluża detenzjoni li tirriżulta inġustifikata. Barra minn hekk, b'konformità mal-ġurisprudenza tal-Afdeling Bestuursrechtspraak van de Raad van State (is-Sezzjoni tal-Kontenzjuż Amministrattiva tal-Kunsill tal-Istat), dan ikun possibbli biss jekk "is-sitwazzjoni fil-mument tat-tneħħija effettiva tkun differenti f'dan l-istadju minn dik li kienet teżisti fil-mument tad-deċiżjoni li minnha tirriżulta s-setgħa ta' tneħħija li l-legalità tal-intenzjoni ta' tneħħija effettiva ma tistax iktar titqies bħala fatt mingħajr riżervi". Barra minn hekk, dan l-ilment jirrigwarda biss il-modalitajiet ta' eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn u ma tagħtix lok għal evalwazzjoni tal-prinċipju ta' non-refoulement jew tal-interessi previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115[6].

[5] Fit-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari, il-qorti tar-rinviju tiċċita s-sentenzi tal-Afdeling Bestuursrechtspraak van de Raad van State (is-Sezzjoni tal-Kontenzjuż Amministrattiv tal-Kunsill tal-Istat), Nru 201904771/2/V3, tas-26 ta' Lulju 2023 (NL:RVS:2023:2829), u Nru 202204434/1/V3, tat-12 ta' Diċembru 2023 (NL:RVS:2023:4578).

[6] Sentenza tal-Afdeling Bestuursrechtspraak van de Raad van State (is-Sezzjoni tal-Kontenzjuż Amministrattiv tal-Kunsill tal-Istat), Nru 201306899/1/V2, tat-12 ta' Ġunju 2015 (NL:RVS:2015:1995).

22. Issa, id-detenzjoni għall-finijiet tat-tneħħija ma tistax tkun iġġustifikata u ma tibqax tissodisfa l-iskop tagħha jekk it-tneħħija ma tkunx tista' sseħħ minħabba l-prinċipju ta' non-refoulement jew l-interessi previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115. F'tali każ, b'konformità mal-Artikolu 15 ta' din id-direttiva, il-parti kkonċernata għandha tinħeles immedjatament. Għalhekk, qabel ma ċittadin ta' pajjiż terz jitqiegħed f'detenzjoni għall-finijiet tat-tneħħija tiegħu, għandu jiġi vverifikat jekk it-tneħħija hijiex permessa.

23. Għalhekk, il-qorti tar-rinviju titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża jekk id-dritt tal-Unjoni jimponilhiex li twettaq evalwazzjoni tal-prinċipju ta' non-refoulement u tal-interessi previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115.

24. F'dan ir-rigward, din il-qorti targumenta li l-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, kif interpretat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[7], jimponi fuq l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti kollha li josservaw il-prinċipju ta' non-refoulement fl-istadji kollha tal-proċedura ta' ritorn. Id-detenzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz għall-finijiet tat-tneħħija tiegħu timplimenta l-imsemmija direttiva u tikkostitwixxi "stadju tal-proċedura ta' ritorn".

25. Barra minn hekk, mill-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2008/115, kif ukoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[8], jirriżulta li deċiżjoni ta' ritorn tista' tikkoeżisti ma' posponiment ta' tneħħija, b'tali mod li l-eżistenza ta' deċiżjoni ta' ritorn adottata preċedentement u li eventwalment saret definittiva ma tipprekludix l-istħarriġ tal-kompatibbiltà tat-tneħħija, b'eżekuzzjoni ta' din id-deċiżjoni, mal-prinċipju ta' non-refoulement.

26. Il-qorti tar-rinviju żżid li d-dritt għal rimedju effettiv, stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") u kkonkretizzat fl-Artikolu 13(1) u (2) tad-Direttiva 2008/115, jeħtieġ li l-qorti mitluba tistħarreġ l-osservanza tal-kundizzjonijiet ta' legalità tad-detenzjoni għall-finijiet tat-tneħħija taċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi irregolarment, b'eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn, tista' tivverifika jekk il-prinċipju ta' non-refoulement u l-interessi previsti fl-Artikolu 5 ta' din id-direttiva jipprekludux din it-tneħħija. Tali approċċ ikun iktar neċessarju fl-assenza ta' rimedju ġudizzjarju effettiv ieħor.

27. Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li r-rechtbank Den Haag, zittingsplaats Roermond (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag, sedenti f'Roermond) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 5, l-Artikolu 13(1) u (2) u l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2008/115, moqrija flimkien mal-Artikolu 6, mal-Artikolu 19(2) u mal-Artikolu 47 tal-[Karta], għandhom jiġu interpretati fis-sens li, waqt il-verifika tal-osservanza tal-kundizzjonijiet dwar il-legalità tad-detenzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, l-awtorità ġudizzjarja hija marbuta tiżgura, jekk meħtieġ *ex officio*, li l-prinċipju ta' non-refoulement ma jipprekludix l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn adottata preċedentement u li għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tagħha ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun tqiegħed f'detenzjoni?

[7] Il-qorti tar-rinviju tirreferi, b'mod partikolari, għas-sentenza tas-17 ta' Ottubru 2024, Ararat (C-156/23, iktar 'il quddiem is-"sentenza Ararat", EU:C:2024:892, punt 35).

[8] Il-qorti tar-rinviju tirreferi għas-sentenzi tat-3 ta' Ġunju 2021, Westerwaldkreis (C-546/19, iktar 'il quddiem is-"sentenza Westerwaldkreis", EU:C:2021:432); tat-22 ta' Novembru 2022, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Tneħħija – Kannabis terapewtika) (C-69/21, iktar 'il quddiem is-"sentenza Tneħħija – Kannabis terapewtika", EU:C:2022:913); u Ararat.

2) L-Artikolu 5, l-Artikolu 13(1) u (2) u l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2008/115, moqrija flimkien mal-Artikolu 6, mal-Artikolu 7, mal-Artikolu 24(2) u mal-Artikolu 47 tal-[Karta], għandhom jiġu interpretati fis-sens li, waqt il-verifika tal-osservanza tal-kundizzjonijiet dwar il-legalità tad-detenzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, l-awtorità ġudizzjarja hija marbuta tiżgura, jekk meħtieġ *ex officio*, li l-interessi li hemm riferiment għalihom fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115 ma jipprekludux l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn adottata preċedentement u li għall-finijiet tal-eżekuzzjoni tagħha ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun tqiegħed f'detenzjoni?"

28. Il-qorti tar-rinviju talbet li dan ir-rinviju jkun suġġett għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, prevista fl-Artikolu 107 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

29. Permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Mejju 2025, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tilqa' din it-talba.

30. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub mill-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, GB u l-Kummissjoni Ewropea. Dawn l-istess partijiet ippreżentaw ukoll l-osservazzjonijiet orali tagħhom matul is-seduta li nżammet fl-1 ta' Lulju 2025.

Analiżi

Osservazzjonijiet preliminari

31. L-għan tad-Direttiva 2008/115 jikkonsisti, kif jirriżulta mill-premessi 2 u 11 tagħha, fl-istabbiliment ta' politika effettiva tat-tneħħija u tar-ripatrijazzjoni bbażata fuq regoli u garanziji ġuridiċi komuni, sabiex il-persuni kkonċernati jkunu rripatrijati b'mod uman u f'osservanza sħiħa tad-drittijiet fundamentali tagħhom kif ukoll tad-dinjità tagħhom [9].

32. Għalhekk, meta ċittadin ta' pajjiż terz ikun jaqa', bħaċ-ċittadin fil-kawża prinċipali, fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, huwa għandu, bħala prinċipju, ikun suġġett għar-regoli u għall-proċeduri komuni previsti minnha fir-rigward tar-ritorn tiegħu, u dan sakemm ir-residenza tiegħu ma tkunx ġiet, jekk ikun il-każ, irregolarizzata [10]. F'dan ir-rigward, infakkar li, meta tiġi ordnata għall-finijiet ta' tneħħija, id-detenzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi irregolarment hija intiża biss sabiex tiżgura l-effettività tal-proċedura ta' ritorn [11].

33. Peress li kull detenzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz tikkostitwixxi ndħil gravi fid-dritt għal-libertà, stabbilit fl-Artikolu 6 tal-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li s-setgħa mogħtija lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jqiegħdu f'detenzjoni liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi hija strettament limitata. Għalhekk, miżura ta' detenzjoni ma tistax tiġi ordnata jew estiża ħlief

[9] Ara s-sentenzi tal-5 ta' Ġunju 2014, Mahdi (C-146/14 PPU, iktar 'il quddiem is-"sentenza Mahdi", EU:C:2014:1320, punt 38); tad-19 ta' Ġunju 2018, Gnandi (C-181/16, iktar 'il quddiem is-"sentenza Gnandi", EU:C:2018:465, punt 48); u Tneħħija – Kannabis terapewtika (punt 88).

[10] Ara s-sentenza Ararat (punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[11] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Ottubru 2022, Politsei- ja Piirivalveamet (Detenzjoni – Riskju li jitwettaq reat kriminali) (C-241/21, EU:C:2022:753, punti 31, 32 u l-ġurisprudenza ċċitata), u tat-8 ta' Novembru 2022, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Eżami *ex officio* tad-detenzjoni) (C-704/20 u C-39/21, iktar 'il quddiem is-"sentenza Eżami *ex officio* tad-detenzjoni", EU:C:2022:858, punt 74).

b'osservanza tar-regoli ġenerali u astratti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet u l-modalitajiet, li jinsabu, fost oħrajn, fil-paragrafu 1, fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 u fil-paragrafi 4 sa 6 tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2008/115 [12].

34. Għalhekk, b'konformità mal-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2008/115, iċ-ċaħda ta' libertà li tikkostitwixxi d-detenzjoni ta' persuna għall-finijiet ta' tneħħija tista' tiġi imposta biss fl-osservanza ta' ċerti kundizzjonijiet sostantivi, li jirrigwardaw l-assenza ta' miżuri oħra inqas vinkolanti mid-detenzjoni kif ukoll il-każ fejn din it-tneħħija tirriskja li tkun kompromessa bl-aġir tal-persuna kkonċernata. Għalhekk, id-detenzjoni għandha tkun qasira kemm jista' jkun u ddum biss sakemm id-deċiżjoni ta' tneħħija tkun qiegħda tiġi implimentata u eżegwita bid-diliġenza kollha meħtieġa. Skont il-paragrafi 3 u 4 ta' din id-dispożizzjoni, din iċ-ċaħda ta' libertà hija suġġetta għal eżami mill-ġdid f'intervalli raġonevoli u għandha tintemm meta jkun jidher li ma għadhiex teżisti perspettiva raġonevoli ta' tneħħija, li għandha tinftiehem bħala li timponi l-eżistenza ta' perspettiva reali li t-tneħħija tista' sseħħ b'suċċess fit-termini massimi taċ-ċaħda ta' libertà, iffissati fl-Artikolu 15(5) u (6) ta' din id-direttiva u li huma imposti fuq l-Istati Membri kollha [13].

35. Meta jirriżulta li l-kundizzjonijiet sostantivi li servew bħala bażi għad-deċiżjoni inizjali ta' detenzjoni taċ-ċittadin ikkonċernat ma kinux jew ma jkunux għadhom ssodisfatti, jew li t-tul massimu ta' detenzjoni jkun intlaħaq, il-persuna kkonċernata għandha, kif barra minn hekk jindika espressament il-leġiżlatur tal-Unjoni fir-raba' subparagrafu tal-paragrafu 2 u fil-paragrafu 4 tal-Artikolu 15 tal-imsemmija direttiva, tinħeles immedjatament [14].

36. Fir-rigward tad-dritt taċ-ċittadini ta' pajjiż terz imqiegħda f'detenzjoni għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2008/115 jipprovdi regoli komuni tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni ġudizzjarja. Skont din id-dispożizzjoni, li tikkostitwixxi materjalizzazzjoni, fil-qasam ikkunsidrat, tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, iggarantit mill-Artikolu 47 tal-Karta, kull Stat Membru għandu jipprevedi, meta t-tqegħid f'detenzjoni jkun ġie ordnat minn awtorità amministrattiva, stħarriġ ġudizzjarju "rapid[u]", jew *ex officio*, jew fuq talba tal-persuna kkonċernata, tal-legalità ta' dan it-tqegħid f'detenzjoni [15].

37. Fil-kuntest ta' din il-kawża, fid-dawl tal-elementi tal-proċess, tqum b'mod iktar partikolari l-kwistjoni dwar jekk il-qorti mitluba tistħarreġ kemm il-legalità tad-detenzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi irregolarment, għall-finijiet tat-tneħħija tiegħu b'eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn li saret definittiva, tistax jew għandhiex tevalwa jekk il-prinċipju ta' non-refoulement, minn naħa, kif ukoll l-interessi previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115, u b'mod iktar speċifiku l-aħjar interessi tat-tfal u l-ħajja tal-familja, min-naħa l-oħra, jipprekludux din it-tneħħija, meta d-deċiżjoni ta' ritorn definittiva tkun ġiet adottata fil-konfront ta' dan iċ-ċittadin u d-detenzjoni

[12] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Marzu 2022, Landkreis Gifhorn (C-519/20, EU:C:2022:178, punt 62); Eżami *ex officio* tad-detenzjoni (punti 72, 73, 75 sa 77 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata); u tal-4 ta' Ottubru 2024, Bouskoura (C-387/24 PPU, EU:C:2024:868, punti 41 sa 45).

[13] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-28 ta' April 2011, El Dridi (C-61/11 PPU, EU:C:2011:268, punt 40), u Mahdi (punt 60), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja rrinvijat għas-sentenza tat-30 ta' Novembru 2009, Kadzoev (C-357/09 PPU, EU:C:2009:741, punt 65).

[14] Ara s-sentenzi tat-30 ta' Novembru 2009, Kadzoev (C-357/09 PPU, EU:C:2009:741, punt 60); Eżami *ex officio* tad-detenzjoni (punt 79); u tal-4 ta' Ottubru 2024, Bouskoura (C-387/24 PPU, EU:C:2024:868, punt 44).

[15] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Mejju 2020, Országos Idegenrendészeti Főigazgatóság Dél-alföldi Regionális Igazgatóság (C-924/19 PPU u C-925/19 PPU, iktar 'il quddiem is-"sentenza Országos Idegenrendészeti Főigazgatóság Dél-alföldi Regionális Igazgatóság", EU:C:2020:367, punt 289), u Eżami *ex officio* tad-detenzjoni (punti 81 sa 83 u l-ġurisprudenza ċċitata).

tkun ġiet ordnata minn awtorità amministrattiva mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni ta' dan minn qabel. Huwa f'din l-ordni li ser neżamina suċċessivament iż-żewġ domandi magħmula mill-qorti tar-rinviju.

Fuq l-ewwel domanda

38. Permezz tal-ewwel domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, lill-Qorti tal-Ġustizzja, jekk l-Artikolu 5 u l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2008/115 [16], moqrija flimkien mal-Artikolu 6, l-Artikolu 19(2) u l-Artikolu 47 tal-Karta, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li l-awtorità ġudizzjarja mitluba tistħarreġ il-legalità tad-detenzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi irregolarment, għall-finijiet tat-tneħħija tiegħu b'eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn li saret definittiva, għandhiex tiżgura, jekk ikun il-każ *ex officio*, li l-prinċipju ta' non-refoulement ma jipprekludix din it-tneħħija, meta dan il-prinċipju ma jkunx ittieħed inkunsiderazzjoni qabel.

39. Qabelxejn, infakkar li l-prinċipju ta' non-refoulement huwa prinċipju fundamentali stabbilit fl-Artikolu 19(2) tal-Karta, li permezz tiegħu "[ħ]add ma jista' jitneħħa, jitkeċċa jew jkun estradit lejn Stat fejn hemm riskju serju li jkun soġġett għall-piena tal-mewt, għat-tortura jew għal pieni jew trattamenti oħra inumani jew degradanti". Dan il-prinċipju huwa moqri wkoll fl-Artikolu 18 tal-Karta li jistabbilixxi d-dritt għall-ażil, kif ukoll fl-Artikolu 4 tal-Karta dwar il-projbizzjoni tat-tortura u tal-pieni jew trattamenti inumani jew degradanti, u għandu natura assoluta [17].

40. Fid-Direttiva 2008/115, il-prinċipju ta' non-refoulement huwa stabbilit, b'mod partikolari, fl-aħħar parti tas-sentenza tal-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, li jipprevedi li, waqt l-implimentazzjoni tal-imsemmija direttiva, l-Istati Membri għandhom josservaw il-prinċipju ta' non-refoulement [18].

41. Imbagħad bilfors għandu jiġi kkonstatat li minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, fid-dawl tal-għan tiegħu, l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115 ma jistax ikun is-suġġett ta' interpretazzjoni restrittiva. Barra minn hekk, huwa għandu effett dirett u għalhekk jista' jiġi invokat minn individwu u applikat mill-awtoritajiet amministrattivi kif ukoll mill-qrati tal-Istati Membri [19].

42. Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-konsegwenzi li għandhom jinsiltu mill-prinċipju ta' non-refoulement kif jinsab fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115, ninnota li l-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat, ċerti drabi, li dan il-prinċipju ma kienx jipprekludi sistematikament l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn u ta' eventwali deċiżjoni ta' tneħħija fil-konfront ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi irregolarment [20], iżda kien jiġġustifika *biss il-posponiment tat-tneħħija* tiegħu b'eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn, kif jipprevedi l-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2008/115 [21].

[16] L-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/115, intitolat "Rimedji", jistabbilixxi dritt għal rimedju ġudizzjarju speċifiku kontra d-deċiżjonijiet marbutin mar-ritorn previsti fl-Artikolu 12(1) ta' din id-direttiva. Madankollu, din l-aħħar dispożizzjoni ssemmi biss id-deċiżjonijiet ta' ritorn, id-deċiżjonijiet ta' projbizzjoni ta' dħul kif ukoll id-deċiżjonijiet ta' tneħħija. Għalhekk, deċiżjoni ta' detenzjoni ma taqax taħt l-Artikolu 13 tal-imsemmija direttiva.

[17] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Tneħħija – Kannabis terapewtika (punt 57); tas-6 ta' Lulju 2023, Bundesamt für Fremdenwesen und Asyl (Refuġjat li wettaq delitt gravi) (C-663/21, EU:C:2023:540, punt 36); u Ararat (punti 35, 36, 49 u 50).

[18] Il-prinċipju ta' non-refoulement jinsab ukoll fl-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2008/115, li jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jipposponu t-tneħħija fil-każ li hija tikser dan il-prinċipju.

[19] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Tneħħija – Kannabis terapewtika (punt 55), u Ararat (punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[20] Ara s-sentenza Gnandi (punti 59 sa 67).

[21] Ara s-sentenza Westerwaldkreis (punti 58 u 59), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja rrinvijat għall-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Pikamäe fil-kawża Westerwaldkreis (C-546/19, EU:C:2021:105, punt 87).

43. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat ukoll li, meta l-awtorità nazzjonali kompetenti tipprevedi li tadotta deċiżjoni ta' ritorn, hija għandha, b'mod partikolari, tiżgura l-osservanza tal-prinċipju ta' non-refoulement [22]. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja waslet sabiex tippreċiża li l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115 jobbliga lill-awtorità nazzjonali kompetenti tosserva, *fl-istadji kollha tal-proċedura ta' ritorn*, il-prinċipju ta' non-refoulement, b'tali mod li din id-dispożizzjoni *tipprekludi* li ċittadin ta' pajjiż terz ikun is-suġġett ta' *deċiżjoni ta' ritorn* meta jkun stabbilit li *tneħħija* tiegħu lejn il-pajjiż ta' destinazzjoni previst hija, skont il-prinċipju ta' non-refoulement, *eskluża għal żmien indeterminat* [23].

44. Iktar reċenti, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li l-osservanza tal-prinċipju ta' non-refoulement hija imposta *qabel l-eżekuzzjoni* ta' deċiżjoni ta' ritorn. Fil-każ fejn l-awtorità nazzjonali kompetenti tasal għall-konklużjoni li t-tneħħija taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat tesponih għal riskju serju li jkun suġġett għall-piena tal-mewt, għat-tortura jew għall-pieni jew trattamenti inumani u degradanti, din l-awtorità għandha *tipposponi din it-tneħħija sakemm jippersisti tali riskju*,, b'konformità mal-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2008/115. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li l-osservanza ta' dan il-prinċipju hija imposta *sal*-mument tal-*istħarriġ ġudizzjarju ta' din l-eżekuzzjoni* [24].

45. Sabiex isir dan, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istati Membri għandhom jippermettu lill-persuni kkonċernati jinvokaw kwalunkwe *bidla fiċ-ċirkustanzi li sseħħ wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn*, li tkun tali li jkollha *effett sinjifikattiv* fuq l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni tagħhom fid-dawl, b'mod partikolari, tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115 [25].

46. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta minħabba li jkun għadda ċertu perijodu ta' żmien ikun hemm bidla fiċ-ċirkustanzi, l-awtorità nazzjonali għandha twettaq, qabel l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn, *evalwazzjoni aġġornata* tar-riskji li għandu ċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jkun espost għal trattamenti pprojbiti f'termini assoluti mill-Artikolu 4 u mill-Artikolu 19(2) tal-Karta. Din l-evalwazzjoni, *li għandha tkun distinta u awtonoma meta mqabbla ma' dik imwettqa fil-mument tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni ta' ritorn*, għandha tippermetti lill-awtorità nazzjonali *tiżgura, billi tieħu inkunsiderazzjoni kull bidla fiċ-ċirkustanzi li tkun seħħet kif ukoll kull element ġdid li seta' jressaq* dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz, li ma jeżistux *raġunijiet serji u kkonfermati* li jwasslu li wieħed jemmen li l-imsemmi ċittadin ta' pajjiż terz ser ikun espost, fil-każ ta' ritorn f'pajjiż terz, għal riskju reali li jkun suġġett, f'dan tal-aħħar, għall-piena tal-mewt, għat-tortura jew għal trattamenti inumani jew degradanti. Fil-fatt, tali evalwazzjoni aġġornata hija l-unika waħda tali li tippermetti lil din l-awtorità tiżgura ruħha li t-tneħħija tkun konformi mal-kundizzjonijiet legali meħtieġa, u b'mod partikolari mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115 [26].

[22] Ara s-sentenzi tal-11 ta' Diċembru 2014, Boudjlida (C-249/13, EU:C:2014:2431, punti 48 u 49), u Országos Idegenrendészeti Főigazgatóság Dél-alföldi Regionális Igazgatóság (punt 118 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[23] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Tneħħija – Kannabis terapewtika (punti 55, 56 u 59). Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat essenzjalment li l-istess japplika, b'mod partikolari, meta l-istat ta' saħħa taċ-ċittadin huwa partikolarment gravi u meta r-ritorn jista', huwa stess, iwassal, għall-parti kkonċernata, għal riskju reali ta' trattamenti inumani jew degradanti, fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta. Madankollu, hija żiedet li l-Artikolu 7 tal-Karta ma jistax jimponi fuq Stat Membru li jirrinunzja għall-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn jew ta' miżura ta' tneħħija fir-rigward ta' ċittadin, sempliċement minħabba r-riskju ta' deterjorament tal-istat ta' saħħa ta' dan tal-aħħar fil-pajjiż ta' destinazzjoni, meta dawn il-kundizzjonijiet stretti ma jkunux issodisfatti (punti 60 sa 71, 101 u 102). Ara wkoll, is-sentenza tas-6 ta' Lulju 2023, Bundesamt für Fremdenwesen und Asyl (Refuġjat li wettaq delitt gravi) (C-663/21, EU:C:2023:540, punti 36 u 52), li minnha jirriżulta li ċ-ċittadin ikkonċernat kien ser ikun espost għal riskju ta' tortura jew ta' mewt fil-każ ta' ritorn fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu (punt 21).

[24] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Ararat (punti 38, 39 u 46 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

[25] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Gnandi (punt 64), u Ararat (punt 37).

[26] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Ararat (punt 38).

47. Barra minn hekk, waqt li ddeċidiet dwar id-dmir ta' eżami *ex officio* ta' motiv ibbażat fuq il-ksur ta' dispożizzjonijiet tal-Unjoni meta *awtorità ġudizzjarja tistħarreġ il-kundizzjonijiet ta' legalità ta' miżura ta' detenzjoni ordnata minn awtorità amministrattiva*, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-qorti għandha tkun f'pożizzjoni li *tiddeċiedi fuq kull punt ta' fatt u ta' liġi rilevanti* sabiex tivverifika din il-legalità, u tieħu inkunsiderazzjoni l-punti ta' fatt u l-provi prodotti mill-awtorità amministrattiva li ordnat id-detenzjoni inizjali kif ukoll il-provi u l-osservazzjonijiet li eventwalment jiġu prodotti lilha mill-persuna kkonċernata. Hija għandha tkun f'pożizzjoni wkoll li tfittex kull element ieħor rilevanti għad-deċiżjoni tagħha fil-każ li tqis li dan huwa neċessarju. Għal dan il-għan, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għall-importanza tad-dritt għal-libertà ggarantit fl-Artikolu 6 tal-Karta kif ukoll għall-gravità tal-indħil f'dan id-dritt li tikkostitwixxi d-detenzjoni u għar-rekwiżit ta' protezzjoni ġudizzjarja ta' livell għoli [27].

48. Mill-ġurisprudenza kollha ċċitata fil-punti 42 sa 44 ta' dawn il-konklużjonijiet jirriżulta li l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115 jeżiġi mill-Istati Membri li josservaw il-prinċipju ta' non-refoulement "fl-istadji kollha tal-proċedura", u dan sat-tneħħija, li tikkonsisti fit-"trasferiment fiżiku barra mill-Istat Membru" tal-persuna kkonċernata [28]. Skont iċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull każ jew l-istadju tal-proċedura li fih jitwettaq l-eżami ta' riskju reali u serju li wieħed jemmen li ċittadin ta' pajjiż terz ikun espost, fil-każ ta' ritorn, għall-piena tal-mewt, għat-tortura jew għal pieni jew trattamenti oħra inumani jew degradanti, il-prinċipju ta' non-refoulement jipprekludi għalhekk li dan iċ-ċittadin ikun is-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn jew, jekk ikun il-każ, jiġġustifika biss il-posponiment tat-tneħħija, sakemm idum ir-riskju inkwistjoni.

49. F'dan il-każ, huwa stabbilit li r-rikorrent fil-kawża prinċipali kien is-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn, li kienet adottata fis-7 ta' Ottubru 2024. Din id-deċiżjoni saret definittiva u ebda element tal-proċess ma jippermetti li jiġi kkunsidrat li l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn kienet illegali fid-dawl tal-prinċipju ta' non-refoulement minkejja li, peress li r-rikorrent ma deherx sabiex jinstema', din id-deċiżjoni kienet adottata mingħajr ma saret evalwazzjoni sostantiva tal-eventwali kuntrarjetà ta' tneħħija ma' dan il-prinċipju. Il-kawża prinċipali tirrigwarda għalhekk l-osservanza tal-prinċipju ta' non-refoulement u l-eżami *ex officio* tal-qorti fil-kuntest mhux tal-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn, iżda tal-eżekuzzjoni tagħha waqt it-tkomplija tal-proċedura ta' ritorn permezz tad-detenzjoni taċ-ċittadin ikkonċernat.

50. Issa, kif jirriżulta mill-punti 45 sa 47 ta' dawn il-konklużjonijiet, id-dmir ta' eżami *ex officio* tal-prinċipju ta' non-refoulement kien irrikonoxxut meta l-awtorità nazzjonali tipprevedi li tadotta deċiżjoni ta' ritorn jew qabel l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn, b'mod partikolari fil-każ ta' bidla taċ-ċirkustanzi li sseħħ wara l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni ta' ritorn ta' natura li jkollha effett sinjifikattiv fuq l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni taċ-ċittadin ikkonċernat, kif ukoll meta awtorità ġudizzjarja tistħarreġ il-kundizzjonijiet ta' legalità ta' miżura ta' detenzjoni ordnata minn awtorità amministrattiva waqt l-implimentazzjoni ta' proċedura ta' ritorn.

51. Għalhekk, dan japplika wkoll fl-istadju tal-proċedura ta' ritorn li jirrigwarda l-istħarriġ, minn awtorità ġudizzjarja, tal-legalità tad-detenzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi irregolarment, ordnata sabiex titwettaq it-tneħħija ta' dan iċ-ċittadin b'eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn.

[27] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Eżami *ex officio* tad-detenzjoni (punti 87 u 88). Ninnota li f'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat barra minn hekk, li l-qafas strett, stabbilit mil-leġiżlatur tal-Unjoni, tat-tqegħid f'detenzjoni u taż-żamma ta' miżura ta' detenzjoni jwassal għal sitwazzjoni li ma hijiex simili f'kull aspett għal proċeduri amministrattivi li fihom l-inizjattiva u d-delimitazzjoni tat-tilwima jappartjenu lill-partijiet (punt 92 ta' din is-sentenza). Ara wkoll, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Richard de la Tour fil-kawża Ararat (C-156/23, EU:C:2024:413, punt 45).

[28] Ara l-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2008/115; ara wkoll, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Richard de la Tour fil-kawża Ararat (C-156/23, EU:C:2024:413, punt 36).

52. Barra minn hekk, f'dan il-każ, minbarra l-fatt li l-prinċipju ta' non-refoulement ma kienx is-suġġett ta' eżami la mill-awtorità nazzjonali kompetenti qabel adottat id-deċiżjoni ta' ritorn u lanqas mill-awtorità amministrattiva qabel ordnat id-detenzjoni, il-qorti tar-rinviju indikat li ma jeżisti ebda rimedju ġudizzjarju effettiv li permezz tiegħu s-sitwazzjoni aġġornata taċ-ċittadin tista' tittieħed inkunsiderazzjoni.

53. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-fatt li GB invoka riskju ta' trattamenti inumani jew degradanti fil-każ ta' ritorn lejn l-Alġerija jwassalni sabiex nikkunsidra li l-awtorità ġudizzjarja responsabbli mill-istħarriġ tal-legalità tad-detenzjoni b'eżekuzzjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn għandha tivverifika, f'dan l-istadju tal-proċedura, jekk ikun il-każ *ex officio*, jekk GB jistax jiġi espost għal tali riskju fil-każ ta' ritorn lejn il-pajjiż ta' destinazzjoni previst.

54. Fil-fatt, il-protezzjoni ġudizzjarja ggarantita mill-Artikolu 47 tal-Karta la tkun effettiva u lanqas kompleta jekk il-qorti nazzjonali ma jkollhiex l-obbligu li tikkonstata *ex officio* l-ksur tal-prinċipju ta' non-refoulement, peress li l-*elementi tal-proċess miġjuba għal attenzjoni tagħha*, kif *ikkompletati jew iċċarati matul il-proċedura kontradittorja quddiemha*, donnhom juru li d-deċiżjoni ta' ritorn hija bbażata fuq *evalwazzjoni antika* tar-riskji ta' trattamenti pprojbiti minn dan il-prinċipju, li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ikollu jekk huwa jirritorna fil-pajjiż terz inkwistjoni [29].

55. Madankollu, jidhirli li huwa essenzjali li jiġi ppreċiżat li dan ma jfissirx neċessarjament, li l-awtorità responsabbli mill-istħarriġ tal-legalità tad-detenzjoni, tevalwa l-legalità tad-deċiżjoni ta' ritorn adottata preċedentement, li setgħet ġiet adottata b'mod validu mill-awtorità nazzjonali kompetenti u li saret definittiva, u lanqas li tissostitwixxi d-deċiżjoni tagħha għal dik ta' din tal-aħħar [30]. Il-modalitajiet tal-estensjoni tal-istħarriġ tal-qorti responsabbli mill-verifika tal-legalità tad-detenzjoni jaqgħu bħala prinċipju taħt l-awtonomija proċedurali tal-Istati Membri, l-istess bħall-għażla tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti sabiex jevalwaw ir-riskji li jkun hemm fil-każ ta' tneħħija [31]. Issa, fil-Pajjiżi l-Baxxi, l-awtorità ġudizzjarja kompetenti sabiex tadotta jew tistħarreġ deċiżjoni ta' ritorn hija differenti minn dik li tistħarreġ il-legalità tad-detenzjoni. Għalhekk, din tal-aħħar ma għandhiex il-kompetenza li teżamina mill-ġdid jew tistħarreġ il-legalità ta' deċiżjoni ta' ritorn, u tista' tikkonstata biss l-eżistenza ta' tali deċiżjoni.

56. Waqt is-seduta, il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxipreċiża li l-qorti responsabbli mill-istħarriġ tal-legalità tad-detenzjoni għandha, b'mod partikolari, tivverifika jekk teżistix perspettiva raġonevoli ta' tneħħija, b'konformità mal-Artikolu 15(4) tad-Direttiva 2008/115, li tinkludi l-eżami dwar jekk l-awtorità li ordnat il-miżura ta' detenzjoni "ħaditx suffiċjentement inkunsiderazzjoni" l-prinċipju ta' non-refoulement, "evalwatx b'mod korrett" id-dikjarazzjonijiet taċ-ċittadin f'dan ir-rigward jew "qisitx dan l-element" b'mod xieraq. Madankollu, dan il-gvern żied li tali eżami huwa limitat u li hija biss l-awtorità amministrattiva kompetenti sabiex tiddeċiedi dwar applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali li tista' twettaq stħarriġ komplet tas-sitwazzjoni taċ-ċittadin ikkonċernat, inkluż fir-rigward tal-prinċipju ta' non-refoulement. Għalhekk, jekk tali eżami ma jkunx twettaq minn din l-awtorità amministrattiva, ma hijiex il-qorti li għandha twettaq dan l-eżami għall-ewwel darba, iżda huwa ċ-ċittadin li għandu jagħmel

[29] Ara f'dan is-sens, is-sentenzi Eżami *ex officio* tad-detenzjoni (punt 88) u Ararat (punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[30] Mhux l-istess japplika meta l-awtorità ġudizzjarja tissostitwixxi d-deċiżjoni tagħha għal dik tal-awtorità amministrattiva li ordnat id-detenzjoni, jew fil-każ ta' estensjoni tad-detenzjoni, għal dik tal-awtorità li ordnat id-detenzjoni inizjali (ara s-sentenzi Mahdi (punt 62) u Országos Idegenrendészeti Főigazgatóság Dél-alföldi Regionális Igazgatóság (punt 293)).

[31] Ara, b'analoġija, is-sentenza Mahdi (punt 50); ara wkoll, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Richard de la Tour fil-kawżi magħquda Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Eżami *ex officio* tad-detenzjoni) (C-704/20 u C-39/21, EU:C:2022:489, punti 73 sa 76); kif ukoll fil-kawża Ararat (C-156/23, EU:C:2024:413, punt 52).

applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ġdida. Barra minn hekk, il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi jqis li r-rikors distint u speċifiku li jista' jiġi ppreżentat miċ-ċittadin ikkonċernat meta t-tneħħija hija prevista *de facto* jiżgura protezzjoni ġudizzjarja suffiċjenti.

57. Madankollu, għall-kuntrarju ta' dak li jissuġġerixxi l-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi, ma jistax jiġi meħtieġ miċ-ċittadin ikkonċernat li huwa jagħmel applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali oħra sabiex tiġi ggarantita l-osservanza sħiħa tal-prinċipju ta' non-refoulement previst fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115, moqri flimkien mal-Artikolu 19(2) tal-Karta [32]. Bl-istess mod, ma jistax jiġi mistenni li min-naħa tiegħu jressaq ilment kontra "tneħħija effettiva", peress li dan jista' jsir biss wara komunikazzjoni tad-data u l-ħin tat-tkeċċija, u kif tindika l-qorti tar-rinviju, ma jagħtix sistematikament lok għal evalwazzjoni tal-prinċipju ta' non-refoulement u ma jippermettix li tiġi prekluża detenzjoni li tista' tirriżulta inġustifikata.

58. Għalhekk, meta l-awtorità ġudizzjarja hija mitluba tiddeċiedi dwar il-legalità tad-detenzjoni, hija għandha tiġi rrikonoxxuta stħarriġ sħiħ u intier f'dan ir-rigward. Minkejja li dan l-istadju ma jirrigwardax l-istħarriġ tal-legalità ta' deċiżjoni ta' ritorn li saret definittiva, il-qorti responsabbli mill-istħarriġ tal-legalità tad-detenzjoni għandha tkun tista' twettaq evalwazzjoni kompleta u aġġornata tas-sitwazzjoni taċ-ċittadin u tar-riskji li jkollu fil-każ ta' ritorn fir-rigward tal-prinċipju ta' non-refoulement meta dan il-prinċipju jkun għadu qatt ma ttieħed inkunsiderazzjoni qabel. Barra minn hekk dan japplika iktar u iktar fil-każ ta' bidla taċ-ċirkustanzi li seħħet wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn li jista' jkollha effett sinjifikattiv fuq l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni taċ-ċittadin ikkonċernat fid-dawl tal-prinċipju ta' non-refoulement.

59. Inżid li, jekk, wara evalwazzjoni tas-sitwazzjoni aġġornata taċ-ċittadin ikkonċernat, l-awtorità ġudizzjarja responsabbli mill-istħarriġ tal-legalità tad-detenzjoni tasal għall-konklużjoni li t-tneħħija ta' dan iċ-ċittadin tesponih għal riskju serju li jkun suġġett għal pieni jew trattamenti inumani u degradanti, din l-awtorità għandha, b'konformità mal-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2008/115, tissospendi t-tneħħija sakemm idum tali riskju, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 42 u 44 ta' dawn il-konklużjonijiet.

60. Barra minn hekk, la mid-Direttiva 2008/115 u lanqas mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ma huwa dedott li, fil-każ ta' posponiment ta' tneħħija, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi irregolarment għandu jiġi meħlus immedjatament, peress li t-tneħħija tista' tiġi posposta sakemm idum ir-riskju inkwistjoni. Barra minn hekk, kull posponiment tat-tneħħija ma huwiex ta' natura li jivvizzja sistematikament b'illegalità l-miżura ta' detenzjoni. Jista' jkun li, skont iċ-ċirkustanzi, l-awtoritajiet kompetenti jipprevedu li jipproċedu bi tneħħija fi stadju ulterjuri, b'mod partikolari meta r-raġunijiet li għalihom il-prinċipju ta' non-refoulement jipprekludi t-tneħħija attwali jirriżultaw temporanji [33].

61. Madankollu, nenfasizza li, sabiex il-persuna kkonċernata tinżamm f'detenzjoni b'applikazzjoni tad-Direttiva 2008/115, dan għandu jsir taħt il-kundizzjonijiet stretti li l-prinċipju ta' non-refoulement japplika bis-saħħa tiegħu kollha u li r-regoli u l-garanziji imposti mill-imsemmija direttiva jkunu osservati, inkluż għal dak li jirrigwarda t-tul massimu ta' detenzjoni, li huwa impost fuq l-Istati Membri kollha. Issa, nikkonstata li l-posponiment tat-tneħħija minħabba l-prinċipju ta' non-refoulement ma jagħmilx parti mir-raġunijiet li għalihom id-detenzjoni tista' tiġi estiża għal perijodu li jaqbeż is-sitt xhur, skont l-Artikolu 15(5) u (6) tad-Direttiva 2008/115.

[32] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Ararat (punti 40 u 41).

[33] Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, ta' opponent tas-sistema politika attwali tal-pajjiż tiegħu meta tkun ser isseħħ bidla ta' din is-sistema.

62. Għalhekk, minkejja li l-awtorità ġudizzjarja tikkunsidra, skont ċirkustanzi speċifiċi tal-kawża u wara eżami tas-sitwazzjoni aġġornata taċ-ċittadin ikkonċernat, li tneħħija tiegħu lejn il-pajjiż ta' destinazzjoni previst hija, skont il-prinċipju ta' non-refoulement, eskluża għal żmien indeterminat, b'tali mod li ma jistax jiġi kkunsidrat li l-proċess ta' tneħħija għadu fis-seħħ, jew li ma tistax teżisti perspettiva reali li t-tneħħija tista' sseħħ fid-dawl tat-termini massimi stabbiliti mid-Direttiva 2008/115, id-detenzjoni ma tibqax iġġustifikata u dan iċ-ċittadin għandu jinħeles immedjatament.

63. Għalhekk, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għall-ewwel domanda preliminari li l-Artikolu 5 u l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2008/115, moqrija flimkien mal-Artikolu 6, l-Artikolu 19(2) u l-Artikolu 47 tal-Karta, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-awtorità ġudizzjarja mitluba tistħarreġ il-legalità tad-detenzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terzi li jirrisjedi irregolarment, għall-finijiet tat-tneħħija tiegħu b'eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn li saret definittiva, għandha tiżgura, jekk ikun il-każ *ex officio*, li l-prinċipju ta' non-refoulement ma jipprekludix din it-tneħħija, meta dan il-prinċipju ma jkunx ittieħed inkunsiderazzjoni qabel, u dan iktar u iktar fil-każ ta' bidla ta' ċirkustanzi li sseħħ wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn li jista' jkollha effett sinjifikattiv fuq l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni taċ-ċittadin ikkonċernat fid-dawl tal-prinċipju ta' non-refoulement.

Fuq it-tieni domanda

64. Permezz tat-tieni domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 5 u l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2008/115[34], moqrija flimkien mal-Artikolu 6, l-Artikolu 7, l-Artikolu 24(2) u l-Artikolu 47 tal-Karta, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li l-awtorità ġudizzjarja mitluba tistħarreġ il-legalità tad-detenzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi irregolarment, għall-finijiet tat-tneħħija tiegħu b'eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn li saret definittiva, għandhiex tiżgura, jekk ikun il-każ *ex officio*, li l-ħajja tal-familja u l-aħjar interessi tat-tfal, kif previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115, ma jipprekludix tali tneħħija, meta dawn ma jkunux ittieħdu inkunsiderazzjoni qabel.

65. Infakkar li, meta jimplimentaw id-Direttiva 2008/115, inkluż meta jipprevedu li jadottaw deċiżjoni ta' ritorn jew miżura ta' tneħħija fir-rigward ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi irregolarment, l-Istati Membri għandhom josservaw id-drittijiet fundamentali li huma rrikonoxxuti lil dan iċ-ċittadin mill-Karta.

66. Dan japplika, b'mod partikolari, għad-dritt tar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, kif iggarantit fl-Artikolu 7 tal-Karta, li jista' jinvoka ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi irregolarment li huwa l-missier ta' wild minuri, u li għandu jinqara flimkien mal-Artikolu 24(2) tal-Karta, intiż sabiex jiżgura li l-aħjar interessi tat-tfal ikunu kunsiderazzjoni primarja fl-atti kollha relatati mat-tfal, kemm jekk imwettqa minn awtoritajiet pubbliċi kif ukoll minn istituzzjonijiet privati[35]. Madankollu, għall-kuntrarju tal-protezzjoni minn kull trattament inuman u degradanti, stabbilita fl-Artikolu 4 tal-Karta, id-drittijiet iggarantiti fl-Artikoli 7 u 24 ta' din tal-aħħar ma humiex ta' natura assoluta[36].

[34] Kif indikat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-kwistjonijiet li jirrigwardaw il-legalità tad-detenzjoni li jqumu fil-kuntest tal-kawża prinċipali ma jaqgħux taħt l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2008/115.

[35] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-14 ta' Jannar 2021, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Ritorn ta' minuri mhux akkumpanjat) (C-441/19, EU:C:2021:9, punt 45), u tal-11 ta' Marzu 2021, État belge (Ritorn ta' ġenitur ta' minuri) (C-112/20, iktar 'il quddiem is-"sentenza Ritorn ta' ġenitur ta' minuri", EU:C:2021:197, punti 36 u 41).

[36] Ara s-sentenza tat-22 ta' Frar 2022, Commissaire général aux réfugiés et aux apatrides (Unità tal-familja – Protezzjoni diġà mogħtija) (C-483/20, EU:C:2022:103, punt 36).

67. Barra minn hekk, mill-punti (a) u (b) tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115 jirriżulta li l-Istati Membri għandhom jieħdu debitament inkunsiderazzjoni l-aħjar interessi tat-tfal u l-ħajja tal-familja fl-implimentazzjoni ta' din id-direttiva. Din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi regola ġenerali, li ma tistax tiġi interpretata b'mod restrittiv, u tittrasponi fil-qasam tal-imsemmija direttiva l-obbligu previst fl-Artikoli 7 u 24 tal-Karta. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, moqri flimkien mal-Artikolu 24 tal-Karta, l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-Istati Membri għandhom jieħdu debitament inkunsiderazzjoni l-aħjar interessi tat-tfal *fl-istadji kollha tal-proċedura*, qabel jadottaw deċiżjonijiet, bħal deċiżjoni ta' ritorn, jekk ikun il-każ akkumpanjata minn projbizzjoni ta' dħul, li għandhom konsegwenzi importanti għal dan il-minuri, anki meta d-destinatarju ta' din id-deċiżjoni ma huwiex il-minuri iżda wieħed mill-ġenituri tiegħu [37]. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li l-istess japplika għal miżura ta' tneħħija li ma tistax tiġi adottata jekk hija tmur kontra l-ħajja tal-familja u d-dritt tar-rispett tal-ħajja privata taċ-ċittadin ikkonċernat [38].

68. Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta, minn naħa, li l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115 jipprekludi li deċiżjoni ta' ritorn tiġi adottata fir-rigward ta' ċittadin ta' pajjiż terz mingħajr ma jkunu ttieħdu inkunsiderazzjoni, minn qabel, il-ħajja tal-familja tiegħu u l-aħjar interessi tal-wild minuri tiegħu, u min-naħa l-oħra, li kunsiderazzjonijiet marbuta mal-aħjar interessi tat-tfal jistgħu eventwalment iwasslu sabiex awtorità ġudizzjarja tastjeni milli tipproċedi bi tneħħija.

69. Għalhekk, kunsiderazzjonijiet marbuta mal-aħjar interessi tat-tfal għandhom, fil-fehma tiegħi, ikunu jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll fl-istadju tal-istħarriġ tal-legalità ta' miżura ta' detenzjoni, ordnata sabiex titwettaq it-tneħħija, meta dawn l-interessi ma kinux is-suġġett ta' ebda eżami qabel matul il-proċedura ta' ritorn u meta ma jkun jeżisti ebda rimedju effettiv ieħor.

70. Inżid li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-okkażjoni tippreċiża wħud mill-elementi rilevanti li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi evalwat ir-riskju li l-wild ikkonċernat ikollu jitlaq mit-territorju tal-Unjoni jekk il-ġenitur tiegħu, ċittadin ta' pajjiż terz, ikun forzat jirritorna. Għalhekk, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-punt dwar min huwa l-ġenitur li għandu l-kustodja effettiva tal-wild u jekk teżistix relazzjoni ta' dipendenza effettiva bejnu u l-ġenitur ċittadin ta' pajjiż terz, jekk il-kustodja legali, finanzjarja jew affettiva ta' dan il-wild taqax f'idejn il-ġenitur ċittadin ta' pajjiż terz jew anki l-fatt li l-ġenitur l-ieħor tal-wild realment jista' – u huwa lest – jerfa' waħdu r-responsabbiltà ta' kuljum u effettiva tal-wild. Tali konstatazzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq it-teħid inkunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ inkwistjoni, b'mod partikolari tal-età tiegħu, tal-iżvilupp fiżiku u emozzjonali tiegħu, tal-intensità tar-relazzjoni affettiva tiegħu mal-ġenitur ċittadin tal-Unjoni kif ukoll mal-ġenitur ċittadin ta' pajjiż terz, kif ukoll tar-riskju li s-separazzjoni minn dan tal-aħħar tkun tinvolvi għall-ekwilibriju ta' dan il-wild. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li r-raġunijiet ekonomiċi jew ir-rieda li tinżamm l-unità tal-familja fit-territorju tal-Unjoni waħedhom, ma humiex suffiċjenti, l-istess bħall-eżistenza ta' rabta familjari, kemm ta' natura bijoloġika jew legali [39].

71. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkunsidrat li l-persuna kkonċernata għandha obbligu ta' kooperazzjoni leali mal-awtorità nazzjonali kompetenti, li jobbligaha tikkoopera magħha sabiex tipprovdilha l-informazzjoni rilevanti kollha dwar is-sitwazzjoni personali u

[37] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-8 ta' Mejju 2018, K.A. *et* (Riunifikazzjoni tal-familja fil-Belġju) (C-82/16, iktar 'il quddiem is-"sentenza Riunifikazzjoni tal-familja fil-Belġju", EU:C:2018:308, punt 104); tal-14 ta' Jannar 2021, Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid (Ritorn ta' minuri mhux akkumpanjat) (C-441/19, EU:C:2021:9, punt 44); Ritorn ta' ġenitur ta' minuri (punti 31 sa 43); u tas-27 ta' April 2023, M.D. (Projbizzjoni ta' dħul fl-Ungerija) (C-528/21, EU:C:2023:341, punti 89 sa 91).

[38] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Tneħħija – Kannabis terapewtika (punti 91 u 92).

[39] Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi Riunifikazzjoni tal-familja fil-Belġju (punti 70 sa 75 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata), u Ritorn ta' ġenitur ta' minuri (punti 26 u 27 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

tal-familja tagħha, kif ukoll, jekk ikun il-każ, tinformaha mill-aktar fis possibbli bi kwalunkwe żvilupp rilevanti tal-ħajja tal-familja tagħha. Fil-fatt, id-dritt taċ-ċittadin ta' pajjiż terz li l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni familjari tiegħu tittieħed inkunsiderazzjoni ma jistax jiġi strumentalizzat sabiex terġa' tinfetaħ jew tiġi estiża b'mod indefinit il-proċedura ta' ritorn [40].

72. F'dan il-każ, mill-elementi tal-proċess jirriżulta li l-wild li ċ-ċittadin tal-pajjiż terz jallega li huwa l-missier tiegħu twieled fit-18 ta' Settembru 2024, li dan iċ-ċittadin għamel applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fil-11 ta' Settembru 2024 u li huwa ma deherx għas-seduta dwar ir-raġunijiet għal din l-applikazzjoni. Id-deċiżjoni ta' ritorn kienet adottata fis-7 ta' Ottubru 2024 u l-imsemmi ċittadin ma ppreżenta ebda rikors kontra din id-deċiżjoni.

73. Jekk l-awtorità nazzjonali kompetenti li adottat id-deċiżjoni ta' ritorn ma ddeċidietx dwar il-kwistjoni tal-aħjar interessi tat-tfal jew tal-ħajja tal-familja taċ-ċittadin ikkonċernat, dan jirriżulta, għalhekk, mhux minn bidla ta' ċirkustanzi fattwali, peress li l-wild kien twieled qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn, iżda mill-fatt li dan iċ-ċittadin ma deherx għas-seduta dwar ir-raġunijiet tal-applikazzjoni tiegħu għal protezzjoni internazzjonali u ma ppreżentax rikors kontra d-deċiżjoni ta' ritorn. Is-sempliċi fatt li invoka fi stadju ulterjuri tal-proċeduri elementi fattwali li kienu diġà jeżistu ma jistax fih innifsu jikkostitwixxi bidla ta' ċirkustanzi.

74. Mill-preċedenti jirriżulta li, peress li ċ-ċittadin ikkonċernat ma jistax jiġi kkunsidrat li naqas mill-obbligu tiegħu ta' kooperazzjoni leali, li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ, fid-dawl tal-importanza li d-dritt tal-Unjoni tagħti lit-teħid inkunsiderazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal, inqis li l-aħjar interessi tat-tfal u l-ħajja tal-familja taċ-ċittadin għandhom ikunu jistgħu jiġu eżaminati qabel ma titwettaq it-tneħħija ta' dan iċ-ċittadin. Il-qorti responsabbli mill-istħarriġ tal-legalità tad-detenzjoni għandha għalhekk tkun tista' teżamina jekk dawn l-interessi jipprekludux din it-tneħħija.

75. Fil-fatt, hija għandha, b'mod partikolari, tivverifika l-provi li jistabbilixxu li ċ-ċittadin ikkonċernat huwa l-missier tal-wild, li miegħu teżisti relazzjoni ta' dipendenza tali li twassal sabiex dan tal-aħħar ikun forzat jakkumpanja liċ-ċittadin ta' pajjiż terz inkwistjoni u jitlaq mit-territorju tal-Unjoni, u tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-wild diġà għandu ġenitur li ngħata permess ta' residenza fi Stat Membru tal-Unjoni [41]. Jekk ikun il-każ, jista' jirriżulta li t-tneħħija għandha tiġi posposta sabiex tiġi evitata sitwazzjoni li tista' tippreġudika d-drittijiet fundamentali tal-wild, jew anki li ċ-ċittadin ikkonċernat għandu jinħeles.

76. Għalhekk, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għat-tieni domanda preliminari li l-Artikolu 5 u l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2008/115, moqrija flimkien mal-Artikolu 6, l-Artikolu 7, l-Artikolu 24(2) u l-Artikolu 47 tal-Karta, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-awtorità ġudizzjarja mitluba tistħarreġ il-legalità tad-detenzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi irregolarment, għall-finijiet tat-tneħħija tiegħu b'eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn li saret definittiva, għandha tiżgura, jekk ikun il-każ *ex officio*, li l-ħajja tal-familja u l-aħjar interessi tat-tfal, kif previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115, ma jipprekludux din it-tneħħija, meta ma

[40] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Riunifikazzjoni tal-familja fil-Belġju (punti 103 u 105). Fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari ta' din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, meta ċittadin ta' pajjiż terz diġà kien is-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn, u barra minn hekk, matul din l-ewwel proċedura, huwa seta' jinvoka l-elementi tal-ħajja tal-familja tiegħu, li diġà kienu jeżistu f'dak iż-żmien u li huma l-bażi tal-applikazzjoni tiegħu għal residenza għall-finijiet ta' riunifikazzjoni tal-familja, ma jistax jiġi lmentat li l-awtorità nazzjonali kompetenti ma tkunx ħadet inkunsiderazzjoni, matul il-proċedura ta' ritorn mibdija sussegwentement, l-imsemmija elementi, li kellhom jiġu invokati mill-persuna kkonċernata fi stadju preċedenti tal-proċedura (punti 106 u 107 ta' din is-sentenza).

[41] Il-qorti tar-rinviju tindika li r-rikorrent iddikjara li l-ex sieħba tiegħu u l-wild tiegħu diġà għandhom permess ta' residenza fi Franza.

jkunux ittieħdu inkunsiderazzjoni qabel u barra minn hekk li ċ-ċittadin ikkonċernat ma jistax jiġi kkunsidrat li naqas mill-obbligu tiegħu ta' kooperazzjoni leali, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ inkwistjoni.

Konklużjoni

77. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domandi preliminari magħmula mir-rechtbank Den Haag, zittingsplaats Roermond (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag, sedenti f'Roermond, il-Pajjiżi l-Baxxi):

1) L-Artikolu 5 u l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, moqrija flimkien mal-Artikolu 6, l-Artikolu 19(2) u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

   għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

   l-awtorità ġudizzjarja mitluba tistħarreġ il-legalità tad-detenzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi irregolarment, għall-finijiet tat-tneħħija tiegħu b'eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn li saret definittiva, għandha tiżgura, jekk ikun il-każ *ex officio*, li l-prinċipju ta' non-refoulement ma jipprekludix din it-tneħħija, meta dan il-prinċipju ma jkunx ittieħed inkunsiderazzjoni qabel, u dan iktar u iktar fil-każ ta' bidla ta' ċirkustanzi li sseħħ wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' ritorn li jista' jkollha effett sinjifikattiv fuq l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni taċ-ċittadin ikkonċernat fid-dawl tal-prinċipju ta' non-refoulement.

2) L-Artikolu 5 u l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2008/115, moqrija flimkien mal-Artikolu 6, l-Artikolu 7, l-Artikolu 24(2) u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali,

   għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

   l-awtorità ġudizzjarja mitluba tistħarreġ il-legalità tad-detenzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi irregolarment, għall-finijiet tat-tneħħija tiegħu b'eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' ritorn li saret definittiva, għandha tiżgura, jekk ikun il-każ *ex officio*, li l-ħajja tal-familja u l-aħjar interessi tat-tfal, kif previsti fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2008/115, ma jipprekludux din it-tneħħija, meta ma jkunux ittieħdu inkunsiderazzjoni qabel u barra minn hekk li ċ-ċittadin ikkonċernat ma jistax jiġi kkunsidrat li naqas mill-obbligu tiegħu ta' kooperazzjoni leali, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ inkwistjoni.